

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2018 – Crédit Agricole et vs BĊE****(Kawża T-144/18)**

(2018/C 161/65)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Crédit Agricole SA (Montrouge, Franza) u 69 rikorrenti oħra (rappreżentanti: A. Gosset-Grainville, M. Trabucchi u P. Kupka, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikolu 9 tad-deċiżjoni tal-BĊE Nru ECB/SSM/2017 – 969500TJ5KRTCJQWXH05/380 tad-19 ta' Diċembru 2017 u l-Artikolu 3 tal-Anness A tiegħu, sa fejn dawn jistabbilixxu miżuri li għandhom jiġu adottati fuq l-impenji ta' ħlas irrevokabbli fir-rigward tas-sistema ta' garanzija tad-depożiti jew il-fondi ta' riżoluzzjoni;
- tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-143/18, *Société générale vs BĊE*.

---

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2018 – Confédération nationale du Crédit mutuel et vs BĊE****(Kawża T-145/18)**

(2018/C 161/66)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Confédération nationale du Crédit mutuel (Pariġi, Franza) u 37 rikorrenti oħra (rappreżentanti: A. Gosset-Grainville, M. Trabucchi u P. Kupka, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-BĊE Nru<sup>o</sup>ECB/SSM/2017 – 9695000CG7B84NLR5984/207 tad-19 ta' Diċembru 2017, sa fejn dan jistabbilixxu miżuri li għandhom jiġu adottati fuq l-impenji ta' ħlas irrevokabbli fir-rigward tas-sistemi ta' garanzija tad-depożiti jew il-fondi ta' riżoluzzjoni;
- tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi li essenzjalment huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-143/18, *Société générale vs BĊE*.

---